---

**15 ta' Frar, 1958.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emily Zarb

**Offiża fuq il-Persuna — Sfreġju — Liġittima Difiża — Provokazzjoni — Prova — Preċett "de non offendendo". — Art. 232 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Fost l-elementi li huma meħtieġa biex tiġi akkordata l-iskriminanti tal-leġittima difiża hemm il-fattur tal-inevitabbilità; u mingħajr il-konkors ta' dan il-fattur ma tistgħax tingħata dik l-iskużanti.*

*F'materja ta' offiżi fuq il-persuna, hemm sfreġju anki jekk iċ-ċikatriċi tkun sfreġjanti, ċjoè tkun tagħti fil-għajn minn distanza normali. Jekk l-isfreġju jkunx sempl'ċi jew gravi u permanenti hija kwistjoni ta' gradazzjoni; imma l-isfreġju jkun hemm dejjem, jekk ikun hemm dik iċ-ċikatriċi.*

*"In linea di massima", ma hux forsi tant aċċettabbli li jiġi mpost il-preċett "de non offendendo" lil min ikkaġuna offiża fuq il-persuna ta' ħadd ieħor għax ġie provokat minn din il-persuna l-oħra; għaliex l-offiż, f'każ simili, ikun hu stess irriżika s-sikurezza personali tiegħu individwali bil-provokazzjoni tiegħu, u kwantu għas-sikurezza tiegħu individwali futura ma għandux x'jagħmel ħlief li ma jerġgħax jipprovoka lill-offensur; iżda ċ-ċirkustanzi tal-każ jistgħu

*jkunu tali illi, għaliex kemm l-imputat ikun gie moghti l-benefiċċju tal-provokazzjoni, il-Qorti tkun ġustifikata li timponilu wkoll il-preċett fuq imsemmi.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra l-imsemmija Emily Zarb quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli f'Birkirkara, fit-13 ta' Mejju 1957, f'xi d-9 a.m., volontarjament għamel ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Amy Muscat minħabba sfreġju permanenti skond iċ-ċertifikat tat-tabib J. Darmanin Demajo; barra minn dan, għamlet storbju bil-ġlied;

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rinviju tal-Attorney General tal-10 ta' Lulju 1957, li bih iddeċieda li ma jqiegħedx lill-imputata taħt att ta' akkuża, iżda bagħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti taż-17 ta' Lulju 1957, li bih ddeċidiet billi sabet l-imputata ħatja talli fid-data u ħin imsemmija kkaġunat volontarjament offiża ta' natura gravi, billi ġiebet sfreġju fuq il-persuna ta' Amy Muscat; b'dana, però, li din l-offiża hija skużabbli, l-għaliex saret meta l-imputata kienet taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni instantanea jew aġitazzjoni tal-moħħ, li mħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienetx tista' tqies l-għemil tagħha; u wara li kkunsidrat illi l-istat li fih kienet tinsab l-imputata skond id-depożizzjoni ta' Dottor Ugo Galea, M.D., kif ukoll il-kondotta preċedenti tagħha, jikkostitwixxu ċirkustanzi speċjali li għalihom għandha tiġi applikata d-dispożizzjoni tal-art. 23 (a) tal-Liġijiet Kriminali, ikkundannatha għall-multa ta' £20; u billi dehrilha li kien xieraq għas-sikurezza tal-persuna ta' Amy Muscat, imponiet lill-imputata obligazzjoni tagħha nnfisha li ma timmolestax lill-istess Amy Muscat taħt penali ta' £30 għal żmien sena;

Rat ir-rikors tal-imputata, li bih appellat u talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u li hi tiġi assolta;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-gravami tad-difiża huma dawn;

(a) Li l-appellanti aġixxiet in leġittima difeża, u għalhekk titlob li tiġi rikonoxxuta favur tagħha d-dirimenti;

(b) In subordine, li l-offiża ma hijiex gravi, għax l-isfreġju ma hux permanenti;

(ċ) Li, peress li anki skond l-ewwel sentenza l-appellanti kienet skużabbli mħabba l-impetu tal-passjoni, għalhekk ma kienx hemm lok li tiġi preċettata;

Ikkunsidrat, fuq l-ewwel aggravju;

Iċ-ċirkustanzi tal-każ ma humiex tali li lill-appellanti għandha tingħata l-iskriminanti mitluba, għaliex ma jikkonkorrux l-elementi ndispensabbilment rikjesti għal dik l-iskriminanti, u senjatament jonqos il-fattur tal-inevitabbilità. Lill-appellanti ma jistħoqqilhiex ċertament aktar minn dak li diġà kkonċedietilha l-Ewwel Qorti, forsi anki bi ftit ġenerożità, ċjoè l-iskużanti tal-passjoni. Kwindi dan l-ewwel gravam hu respint;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni aggravju;

L-Ewwel Qorti sabet l-imputata ħatja ta' sfreġju fil-wiċċ. It-tabib Darmanin Demajo, fl-ewwel xhieda tiegħu fol. 7, kien qal:— "Il-marki tal-grif għadhom jidhru u jibqgħu jidhru għal ċertu żmien. Ma nistgħax ngħid jekk wara żmien jisparixxux". Fix-xhieda tiegħu ulterjuri, fol. 25 u 25 tergo, esprima l-fehma tiegħu li l-marki jibqgħu għal dejjem. It-Tabib Victor Camilleri, nominat mill-Qorti tal-ewwel istanza, qal, fol. 31:— "Dawk (il-grif) li jidhru fin-naħa tax-xellug ta' wiċċha huma kbar, u għandhom skolorament ta' kulur brunastru li naħseb jibqa' jidher". Fix-xhieda ulterjuri tiegħu quddiem din il-Qorti tat-30 ta' Novembru 1957, it-Tabib Camilleri assikura li ċ-ċikatriċi sejra tkun permanenti; u t-Tabib Darmanin Demajo qabel miegħu. Il-Professuri Debono u Craig, fir-relazzjoni tagħhom fol. 52, esprimew il-fehma tagħhom li ċ-ċikatriċi kienu

jidhru u jagħtu fil-għajn minn distanza *li hi dik li* soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkelmu ma' xulxin, u li *b'daqshekk ġ*ie soddisfatt il-kriterju prinċipali tal-isfreġju. Ma qablux, però, mat-tobba l-oħra dwar il-permanenza, ossija l-immodifikabbilità; u esprimew l-opinjoni li biżżejjed dawk iċ-ċikatriċi jonqsu u jiċċaraw tant li wara xi sena oħra, jew forsi tnejn, ma jibqgħux jagħtu fil-għajn u ma jkunx hemm sfreġju;

Il-punt hu, għalhekk, jekk għall-finijiet tal-kundanna fuq imsemmija, minbarra l-apparixxenza mid-distanza normali, hijiex anki neċessarja l-permanenza taċ-ċikatriċi;

Issa, għandu jiġi rilevat li, għalkemm fl-imputazzjoni jingħad sfreġju "permanenti", eppure l-kundanna kienet taħt l-art. 230(1) (b) Kap. 12, li jikkunsidra l-offiża gravi, "*inter alia*", *jekk iġġib sfreġju fil-wiċċ tal-offiż, u ma hijiex* taħt l-art. 232(1) (b), li jikkontempla dik li dottrinalment tissejjaħ "lesione gravissima", ċjoè sfreġju gravi u "permanenti";

Minn dan jidher li, purkè ċ-ċikatriċi tkun sfreġjanti, ċjoè purkè tagħti fl-għajn minn distanza *normali, hemm* sfreġju għall-finijiet tal-art. 230; għax f'dak l-artikolu, a differenza tal-art. 232, ma hemmx ir-rekwiżit postulat bil-*kelma "permanenti".* Il-kundanna, fi kliem oħra, tirrig-*warda dak li fil-prattika dejjem issejjaħ bħala sfreġju* "sempliċi", a differenza tal-isfreġju "gravi u permanenti' tal-art. 232;

Iċ-ċitazzjoni tad-dottrina taljana ma hijiex materjali għall-każ; għax il-liġi taljana hi diversa, inkwantokkè fl-art. 372 tal-Kodiċi Taljan id-distinzjoni qegħedha bejn il-kelma "sfregio" u l-kelma "deformazione"; iżda tant għall-waħda kemm għall-oħra hemm il-kelma "permanente", u għalhekk dik *il-liġi hi diversa minn* dik maltija. L-ommissjoni tal-kelma "permanente" fl-art. 230 tal-Kodiċi Malti, u, għall-oppost, l-inklużjoni tagħha fl-art. 232, għandhom *ikollhom* l-effett tagħhom għall-interpretazzjoni tal-liġi;

Dwar it-tielet aggravju;

Kieku quddiem din il-Qorti kien hemm mhux biss l-imputata, imma anki Muscat, li skond dak li rriteniet l-Ewwel Qorti pprovokat lill-imputata, kien jista' jkun tal-volta l-każ, mhux tant li titneħħa l-"cautio de non offendendo" lill-imputata, kemm li, sabiex jiġi aktar effikaċement mantenut dak li fit-terminoloġija ngliża jissejjaħ "the Queen's Peace", il-malleverija tiġi mposta lit-tnejn. Iżda din Muscat mhijiex quddiem il-Qorti. "In linea di massima", ma hux forsi tant aċċettabbli li jiġi mpost il-preċett lil min offenda fil-persuna għax kien provokat; għaliex l-offiż, f'każ simili, ikun hu stess irriżika s-sikurezza tiegħu individwali bil-provokazzjoni tiegħu, u kwantu għas-sikurezza tiegħu futura ma għandux x'jagħmel ħlief li ma jerġax jipprovoka lill-offensur; iżda din il-Qorti, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, li fihom l-Ewwel Qorti aċċettat il-versjoni ta' Muscat, non ostanti li tat lill-imputata l-benefiċċju tal-provokazzjoni, ma jidhrilhiex li hemm raġunijiet suffiċjenti biex tindaħal fid-diskretiva tal-Ewwel Qorti dwar l-imposta garanzija. Għalhekk, lanqas dan it-tielet aggravju ma jista' jiġi attiż;

Fl-aħħarnett, jista' jintqal li, ladarba ż-żewġ Professuri Debono u Craig opinaw kontra l-permanenza, u ladarba wieħed għandu jaħseb li l-Ewwel Qorti aġġustat il-piena bl-intendiment ta' dik il-permanenza, għalhekk hemm lok għall-minorazzjoni tal-piena. Iżda din il-Qorti hi ta' fehma li, anki bid-differenza rilevata issa fl-appell, il-piena irrogata baqgħet proporzjonata għall-fatt; u konsegwentement ma hemmx lok għat-tnaqqis tagħha;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

Żmien għall-ħlas tal-multa xahar mil-lum.